MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 552/2008

**J&R Vassallo Limited (C-7987)**
**vs**
**Zagay Brothers Limited (C-7303)**

**It –Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ somma ta’ seba’ mija u disa’ ewro u erbatax-il centezmu (€709.14) gja LM304.43 rapprezentanti bilanc ta’ ammont dovut wara xoghol u spejjez ta’ trasport maghmul ghad-ditta konvenuta u dan kif ser jirrizulta mill-*istatement* anness mal-ittra ufficjali.

Peress illi fit-3 ta’ Jannar, 2008 id-ditta attrici pprezentat ittra ufficjali (numru 55/08) (immarkata dok.A) kontra d-ditta konvenuta skont l-artiklu 166 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress li d-ditta konvenuta giet notifikata b'din l-ittra ufficjali fid-9 ta' Jannar, 2008;

Peress illi d-ditta konvenuta iprrezentat nota fl-atti tal-imsemmija ittra ufficjali fl-24 ta' Jannar, 2008;

Tghid id-ditta konvenuta ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja jordna lid-ditta konvenuta thallas lid-ditta attrici l-ammont ta' €709.14. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 11 ta' Dicembru, 2007 u tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Jannar, 2008 u bl-interessi. Id-ditta konvenuta hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta fejn qalet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma hu dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra x-xhieda ta' Marcel Muscat, Maria Theresa Vassallo u Raymond Vassallo.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet u osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza tittratta dwar hlas ta' allegati xoghol u spejjez ta' transport maghmul lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici. Illi l-ammont fit-talba jirrizulta minn '*statement*' ezebit in atti mat-talba flimkien ma kopji ta' fatturi relattivi. Illi skont l-*istatement* dawn il-fatturi huma datati mill-31 ta' Lulju, 2002 sat-2 ta' Frar, 2006.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati u permezz ta' nota eccepiet ulterjorment illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2147 (d) tal-kodici civili u minghajr pregudizzju l-istess azzjoni hi preskritta ai termini tal-artiklu 2156 (f) tal-kodici civili.

It-Tribunal ra bir-reqqa d-dokumenti kollha ezebiti in atti u ra u sema’ x-xhieda kollha dokumentata in atti. It-Tribunal huwa sodisfatt li s-servizzi tas-socjeta’ attrici huma dawk ta’ burdnara fejn ix-xoghol jikkonsisti fil-garr ta’ *containers* u merkanzija mill-portijiet ta’ Malta. Jirizulta mill-fatturi ezebiti in atti li s-socjeta’ attrici qieghda titlob hlas ghar-rimbors ta’ spejjez li hija kienet harget ghas-socjeta’ konvenuta. It-Tribunal wara li ra d-dokumenti kollha relatati ma’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2147(d) huwa sodisfatt illi l-ammonti reklamati jikkonsistu f’rimbors ta’ spejjez maghmula ghas-socjeta’ konvenuta ghas-servizzi mhallsa mis-socjeta’ attrici. It-Tribunal huwa wkoll sodisfatt illi t-talba hija ghall-rimbors ta’ l-ispejjez maghmula mis-socjeta’ attrici u ghaldaqstant ma taqax taht il-kappa ta’ l-artiklu 2147 (d) tal- Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta, izda jifhem li l-azzjoni hekk kif dedotta ghandha tinkwadra ruhha fil-limitu tal-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artiklu 2156(f) tal-kodici civili u mhux ai termini tal-artiklu 2147 (d) tal-kodici civili.

Illi nghad min-naha tas-socjeta’ attrici li meta s-socjeta’ konvenuta offriet li tittransigi billi offriet ammont ghas-saldu, s-socjeta’ konvenuta ammettiet id-dejn taghha u ghalhekk il-preskrizzjoni giet interrotta. It-Tribunal jidhirlu li jekk kemm-il darba kien hemm tentattivi bl-ghajnuna tal-avukati tal-partijiet sabiex jirrisolvu l-kwistjoni ta’ bejniethom, u b’hekk tigi evitata kawza fil-Qrati Maltin, lit-Tribunal ma jirrizultalux illi kien hemm interuzzjoni ta’ preskrizzjoni. Illi dawn id-diskussjonijiet saru meta kienu diga gew ingaggati l-avukati u jekk meta qabel ma giet intavolata it-talba odjerna l-partijiet kienu qieghdin jippruvaw jaslu ghal ftehim bejniethom dawn it-tentattivi normalment isiru minghajr pregudizzju u ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi il-preskrizzjoni giet interrotta. Ghalhekk t-Tribunal jista’ jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza fil-mertu filwaqt illi jibda sabiex jikkonstatata id-dati tal-fatturi hekk kif dokumentat mis-socjeta’ attrici.

Illi mix-xhieda ta’ Marie Therese Vassallo mart direttur tas-socjeta’ attrici, hija nfurmat lit-Tribunal li s-socjeta’ attrici taghmel xoghol ta’ burdnara u li l-ammont fit-talba

jikkonsisti f’rimbors ghall-ispejjez li ma thallsux mis-socjeta’ konvenuta ghal dawn is-servizzi. Illi r-rimbors jikkonsisti f’*handling charges* tal-*containers*. Ix-xhud qalet illi hija kienet l-iskrivana tal-kumpanija u kienet tiehu hsieb il-kontabilita’ tas-socjeta’ attrici. Illi t-talba attrici hija bbazata fuq fatturi ezebiti min dan it-Tirbunal. Illi t-talbiet attrici jikkonsistu f’rimbors ta’ ‘handling charges’ li huma elenkati bhala parti mill--fatturi ezebiti. Illi r-ricevuti tal-*handling charges* ta’ dawn il-*containers* jinsabu ghand il-klijent u cioe’ f’idejn is-socjeta’ konvenuta u ghalhekk ma kinux fil-pussess tas-socjeta’ attrici. Qalet ukoll illli ghalkemm ma zzomx ir-ricevuti tal-hlasijiet tal-ispejjez hija ddahhalhom fil-kompjuter.
Illi mid-dokumenti ezebiti t-Tribunal jinnota li minn hames fatturiipprezenati mis-socjeta’ attrici hamsa minnhom ghandu ttimbrat il-kelma *paid* b’numru ta’ ricevuta fuqhom izda fix-xhieda ta’ Vassallo hija stqarret illi ghalkemm ikun hemm miktub *paid* fuq il-fattura ma jfissirx illi l-ispejjez ghalkemm imnizzla fil-fattura gew imhallsa ghaliex dawn l-ispejjez kienu jirrizultaw wara li jkun hareg ix-xoghol mill-port. Illi l-hlasijiet da parti taghhhom kienu ghax-xoghol li hareg minn Belt il-Hazna u mill- Malta Freeport u kienu fatturi kumulattivi ta’ klijenti vari u ma jirreferux ghal klijent partikolari bhas-socjeta’ konvenuta.

Illi skont Marie Therese Vassallo, l-persuna inkarigata bil-kontabilita’ tas-socjeta’ attrici, qalet li l-kontijiet mhux imhallsa jidhru b’Liri Maltin ta’ dak iz-zmien u gew wkoll elenkati bhala :

1. Fattura numru 79/02 – fis-somma ta’ LM 116.95 – pendenzi
2. Fattura numru 91/02 - fis-somma ta’ LM 24.50
3. Fattura numru 92/02 - fis-somma ta’ LM 13.00
4. Fattura numru 115/02 – fis-somma ta’ LM 29.75
5. Fattura numru 003/03 – fis-somma ta’ LM26.00
6. Fattura numru 004/003 – fis-somma ta’ LM68.20
7. Expenses sheet numru 084/04datat 15/09/2004 – fis-somma ta’ LM 5.00
8. Expenses sheet numru 0003 datat 30/07/2005- fis-somma ta’ LM21.00

It-Tribunal wara li ezamina bir-reqqa’ d-dokumenti kollha ezebiti in atti jirrizultalu li kienu l-fatturi hawn elenkati u cioe’ numru 1 sa 8  li b’kollox jammontaw fl-ammont tat-talba.

Illi mill-elenku  hawn fuq imsemmi dan huwa elenku a ta’ fatturi mhux imhallsa mis-socjeta’ konvenuta sal-lum skont kif xehdet l-iskravana tas-socjeta’ attrici li tiehu hsieb il-kontabilita’ tas-socjeta’ attrici. Illi l-ircevuti li gew ezebiti ma jirriflettux il-fatturi kollha ghaliex qalet illi hija mhux dejjem kienet izzomm kopja ta’ dan.  Illi l-fatturi numru 1 sa 6 hawn fuq elenkati huma datati mit-30 ta’ Lulju, 2002 u l-ahhar wahda hija datata 29 ta’ Jannar, 2003.  Illi l-fattura numru 7 u 8 huma datati 30 ta’ Lulju, 2005 u 15 ta’ Settembru, 2004.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ittra ufficjali li nterrompiet il-preskrizzjoni kwinkwennali hija datata 3 ta’ Jannar, 2008 u ghahekk kull fattura ezebita sa hames snin qabel din id-data hija preskritta ai termini tal-artiklu 2156 (f) tal- kapitlu 16 tal-ligijiet ta’ Malta.  Illi ghaldaqstant, il-fatturi hawn fuq imsemmija min-numru 1 sa 4 illum jinsabu preskritti skond il-ligi u t-Tribunal m’huwiex ha jkompli jiehu konjizzjoni ta’ dawn il-fatturi. It-Tribunal ghal dawn ir-ragunijiet ha jghaddi sabiex jiddeciedi jekk il-fatturi 5,6,7 u 8 humiex dovuti mis-socjeta’ konvenuta jew le. Illi b’kollox l-ammont mitlub mill-fatturi hawn fuq elenkati bhala numru 5 sa 8 jammontaw ghal mitejn disgha u sebghin ewro u disgha u disghin centezmu (€279.99) gja LM120.20 .

Illi skont ix-xhieda ta’ wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ konvenuta Marcel Muscat qal illi din is-socjeta’ kienet ilha tahdem mas-socjeta’ attrici sa mill-1986. Illi huwa kien jiddilja personalment ma’ John Vassallo hu Raymond Vassallo u li dejjem kien ihallas l-ammonti minn quddiem, wara li jkunu preparati d-dokumenti kollha min-naha tal-burdnara. Izda jghid ukoll illi ghalkemm kien ihallas kollox minn quddiem huwa kien jircievi l-fatturi zmien wara u kienu jghaddu sahansitra hafna gimghat mill-konsenja.

Raymond Vassallo, direttur tas-socjeta’ attrici, xehed li ma jeskludiex illi s-socjeta’ konvenuta kienet thallas minn

qabel izda kien ikun hemm xi spejjez li gieli kienu jinhargu *cash* ghan-nom tal-klijenti taghhom bhalma kienu l-LM10 tal-*containers* mill-Malta Freeport.

Illi mill-atti tal-kawza t-Tribunal jirrileva fit-3 ta' Jannar, 2008 giet pprezentata ittra ufficjali li nterrompiet il-preskrizzjoni. It-Tribunal ha jghaddi sabiex jifli l-fatturi li m'humiex preskritti..

Illi dwar il-fattura numru 5 datata 29 ta' Jannar, 2003 indikata hawn fuq f'din is-sentenza fl-ammont ta' LM26 ta' dak iz-zmien, jghid illi ghalkemm s-socjeta' konvenuta qalet illi ma kienx hemm spejjez u r-ricevuti ma nstabux da parti mis-socjeta' konvenuta, wara li evalwa bir-reqqa l-provi dokumentali mressqa quddiemu jikkonkludi li dan l-ammont gie ppruvat mis-socjeta' attrici u ghalhekk huwa dovut mis-socjeta' konvenuta.

Illi dwar fattura numru 6, indikata hawn fuq f'din is-sentenza fl-ammont ta' LM68.20 ta' dak iz-zmien, is-socjeta' konvenuta qalet illi din il-fattura qatt ma wasslet lis-socjeta' konvenuta u li l-*container* imsemmi fil-fattura u cioe' AWSU 1934660 lanqas ma huwa indikat fil-*ledger report* ipprezentat mis-socjeta' attrici fejn hemm indikati t-transazzjonijiet kollha maghmula ghal Zagay Bros. Illi t-Tribunal fela bir-reqqa l-entrati fil-kotba u ra li wara it-30 ta' Dicembru, 2002 l-entrata li tmiss hija datata 28 ta' Frar, 2003 u ghaldaqstant huwa minnu li ma jirrizultax lanqas mill-*computer generated entries* tas-socjeta' attrici li l-imsemmi *container* kien tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk wara li t-Tribunal ghamel evalwazzjoni bir-reqqa dwar dawn il-l-provi dokumentali partikolari mressqa quddiemu jikkonkludi li dan l-ammont hawn indikat fuq il-fattura numru 6, ma giex ippruvat mis-socjeta' attrici u ghalhekk mhuwiex dovut mis-socjeta' konvenuta.

Illi dwar il-fattura elenkata hawn fuq bhala numru 7 fl-ammont ta' LM5.00, t-Tribunal jirrilleva dawn l-ispejjez huma mnizzlin fil-*ledger report* dwar it-transazzjonijiet bejn il-partijiet tas-socjeta' attrici izda giet ezebita l-ircevuta da parti mis-socjeta' konvenuta liema rcevuta ma taqbilx ma dik elenkata fil-fattura mis-socjeta' attrici u ghaldaqstant

wara li t-Tribunal ghamel evalwazzjoni bir-reqqa dwar dawn il-provi dokumentali partikolari mressqa quddiemu jikkonkludi li dan l-ammont hawn indikat gie ppruvat mis-socjeta' attrici u ghalhekk huwa dovut mis-socjeta' konvenuta.

Illi rigward l-ahhar fatturaipprezentata mis-socjeta' attrici, l-fattura numru 8 imesmmija hawn fuq, formanti parti fl-ammont tat-talba huwa ta' LM21 u hija datata 30 ta' Lulju, 2005. It-Tribunal jirrilleva li dawn l-spejjez kienu a karigu tas-socjeta attrici ghal xoghol li sar minnha fis-27 ta' Dicembru, 2004. Illi skont ircevuta datata 27 ta' Dicembru, 2004, a fol. 93, hemm ezebita rcevuta fis-somma ta' LM21 imhallsa lil Meli & Sons Ltd ghal tlett *containers* bin-numri MCLU - 3143706, MCLU – 3157720 – MCLU – 318305. Illi wara li t-Tribunal ghamel evalwazzjoni bir-reqqa dwar dawn il-provi dokumentali partikolari mressqa quddiemu jikkonkludi li dan l-ammont hawn indikat huwa mhallas mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk dan la-mmont ma giex ippruvat mis-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg fatturi li ghadhom ma gewx imhallsa mis-socjeta' kovenuta huma il-fattura numru 5 u l-fattura numru 7 kif elenkati iktar 'l fuq. Ghaldaqstant, wara li t-Tribunal ghamel evalwazzjoni bir-reqqa dwar dawn il-provi dokumentali kollha mressqa quddiemu u hawn fuq elenkati jikkonkludi li s-socjeta' konvenuta hija debitrici lejn is-socjeta' attrici fl-ammont ta' tnejn u sebghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€72.21) gja LM31.

It-Tribunal jerga' jikkonferma li s-socjeta' attrici talbet biss ghar-rimbors tas-servizzi ta' transport jew garr ta' mekanzija li hija harget ghas-socjeta' konvenuta u li dawn is-servizzi ghalhekk jaqghu taht 'kreditu iehor' li huwa inkwadrat bi preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-artiklu 2156(f) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, kif diga' ikkonkluda, t-Tribunal iktar 'l quddiem, il-fatturi kollha indikati mis-socjeta' attrici datati qabel il-5 ta' Jannar, 2003 huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-kapitlu 12 u ghalhekk ebda ammont huwa dovut skont il-ligi ghal dawn l-imsemmija fatturi.

It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi s-sistema ta' kontabilita' tas-socjeta' attrici mhijiex wahda felici tant illi tat lok ghal serje ta' inkonsistenzi li holqu dubji serji dwarha. Illi t-Tribunal hu tal-fehma li din il-kawza setghet facilment tigi evitata jekk kemm-il darba s-sistema ta' kontabilita' tas-socjeta' attrici kienet wahda professjonali.

Ghaldaqtstant, it-Tribunal filwaqt illi jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2156 (f) tal-kapitlu 12 tal-ligijiet ta' Malta u jiddikjara li ebda ammont huwa dovut skont il-ligi ghall-fatturi datati qabel l-5 ta' Jannar, 2003, jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici limitatament fis-somma ta' tnejn u sebghin ewro u ghoxrin centezmi (€72.20) gja LM31 bl-imghaxijiet mid-datat tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez sopportati mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------